# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' April, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors numru 10/21/1 JZM**

**Bank of Valletta plc (C2833)**

**v.**

**Alfred Zarb u Catherine Zarb**

1. Dan huwa appell wara rikors tar-rikorrenti eżekutati l-konvenuti Zarb permezz ta' liema talbu li jiġi ordnat it-tħassir tal-mandat ta' żgumbrament fl-ismijiet premessi għall-finijiet tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew li l-mandat ma jiġix esegwit sakemm jiskadi t-terminu mogħti għall-*jus redimendi*. Il-Bank eżekutant intimat akkwista l-fond proprjeta` tal-konvenuti Zarb permezz ta' subbasta, u l-fond kien ġie liberat favur l-istess Bank fit-12 ta' Settembru 2019. Sussegwentement,

il-Bank intimat intavola mandat ta' żgumbrament kontra l-konvenuti fil-25 ta' Novembru 2020. Il-konvenuti mbagħad preżentaw rikors fis-7 ta' Jannar 2021, li ta lok għal dawn il-proċeduri, permezz ta' liema sostnew illi l-mandat ta' żgumbrament in kwistjoni kien ġie preżentat *fuori termine* skont l-Artikolu 357 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u inoltre li huma għadhom fit-terminu sabiex jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' *jus redimendi* kif kontemplat fl-Artikolu 355 tal-istess Kapitolu tal-liġi.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "…bl-applikazzjoni tal-artikolu 281 tal-Kap. 12, tordna t-thassir tal-mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet premessi jew tordna illi tali mandat ma jigix esegwit sakemm jiskadi t-terminu ta' jus redimendi kontemplat fl-artikolu 355 tal-Kap. 12, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."

3. Il-Bank eżekutant intimat eċċepixxa illi l-mandat ma ġiex preżentat *fuori termine* in vista tas-sospensjoni tat-termini legali ordnata bis-saħħa tal-Avviz Legali 61 tal-2020 waqt illi l-Qorti u r-Reġistru kienu magħluqa kaġun tal-pandemija Covid-19 u illi l-proċedura ta' kompensazzjoni u dik ta' *jus redimendi* huma indipendenti minn xulxin u skont il-liġi l-iżgumbrament jista' validament iseħħ qabel ma jiġi eżerċitat il-*jus redimendi*.

4. Bid-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Frar 2021 ġie deċiż hekk:

> "Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta.
>
> Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta' dan il-procediment."

5. Ir-rikorrenti eżekutati Zarb preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fil-11 ta' Frar 2021 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-digriet appellat u konsegwentement tilqa' t-talba tagħhom għat-tħassir tal-mandat ta' żgumbrament bl-ispejjeż kontra l-Bank appellat.

6. Bank of Valletta plc preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-22 ta' Frar 2021 permezz ta' liema ssottometta illi l-appell odjern huwa insostenibbli u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat.**

7. L-appellanti jargumentaw illi kieku s-sospensjoni tat-termini legali provduta permezz tal-Avviz Legali 61 tal-2020 kienet tapplika għat-termini legali kollha, inkluż dawk li kienu għadhom m'għalqux fiż-żmien meta l-qrati kienu magħluqin ma kienx ikun hemm lok li tiddaħħal it-tieni parti tal-Artikolu 3(1) fl-istess Avviż Legali. Jargumentaw illi bl-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel Qorti s-sospensjoni tat-terminu kienet tkun tapplika wkoll fir-rigward ta' preskrizzjonijiet twal, bħal dawk trentennali u għalhekk wieħed ikun irid jiftakar iżid tlett xhur oħra ma' dawk it-tletin sena li żgur

ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur meta ġie ppubblikat l-Avviż Legali in kwistjoni.

8. Il-Bank appellat jirribatti illi huwa ċar li l-Artikolu 3 (1) tal-Avviż Legali 61 tal-2020 jipprospetta żewg sitwazzjonijiet, u ċioe` waħda fejn terminu legali kellu jispiċċa wara li s-sospensjoni tkun ġiet imħassra u oħra fejn it-terminu legali kellu jispiċċa f'xi żmien meta l-qrati kienu magħluqin. Isostni illi huwa ċar illi l-każ odjern tapplika r-regola ġenerali tas-sospensjoni tat-termini, u għalhekk it-terminu waqaf jimxi u reġa' beda jimxi meta waqfet dik is-sospensjoni. Skont il-Bank appellat l-argument tal-appellanti Zarb jitratta biss l-eċċezzjoni impostata b'mod subordinat fl-istess artikolu, iżda peress illi din l-eċċezzjoni tibda bil-kliem "mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita` ta' hawn fuq" huwa ċar li s-sospensjoni ta' kull terminu legali għandha tipprevali sakemm ma jkollokx xi sitwazzjoni fejn it-terminu kellu jiskadi f'xi żmien meta l-Qorti kienet magħluqa, li m'huwiex il-każ odjern. Jargumenta illi l-prinċipju rispekkjat fl-Artikolu 1004 tal-Kodiċi Ċivili huwa illi klawsola fil-liġi għandha titqies li nkitbet biex ikollha effett u għalhekk huwa żgur li l-leġislatur ried li l-interpretazzjoni ġenerali tipprevali fuq dik tal-eċċezzjoni imsemmija.

9. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**<u>III. Gurisprudenza</u>**

Fil-provvediment taghha tal-20 ta' Gunju 2012 fl-atti tar-rikors ta' **Rose Marie Holland** wara **l-Mandati ta' Qbid (Ezekuttivi)** numri 1817/11MB u 1818/11 MB fl-ismijiet: "**Victor Fenech et vs Anthony Fountain et**", din il-qorti diversament presjeduta qalet hekk:-

> " … r-rimedju moghti bl-imsemmi artikolu 281 huwa wiehed specjali (kemm fir-rigward tal-procedura mfassla u kif ukoll ghas-sura ta' rimedju moghti) mahsub li jgib it-thassir tal-att ezekuttiv, kemm ghal kollox jew inkella f'bicca minnu, u dan "ghal raguni valida skond il-ligi". Ghalkemm ma tinghata l-ebda tifsira fil-ligi dwar x'tista' tkun "raguni valida" li twassal ghall-ghoti tar-rimedju mitlub, huwa meqjus li, ghall-finijiet tal-artikolu 281, l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti interessata tista' ggarrab pregudizzju, u dan billi jsir ezemi formali tal-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir. Il-Qorti tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-Mandat ikunu tharsu u jkunu jidhru mill-att ezekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inhareg b'mod abbuziv (Ara: P.A. GV: 19.11.2008 fl-atti tar-rikors fl-ismijiet "Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et");
>
> Illi huwa accettat li l-fatt li l-hwejjeg maqbuda fl-ezekuzzjoni ta' Mandat ma jaghmlux mill-gid tad-debitur ezekutat ma ghandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu, izda jekk stess ihalli effett fuq l-ezekuzzjoni (ara: P.A. AJM: 14.11.1994 fil-kawza fl-ismijiet "Josephine Spiteri vs Anthony Perry et"). Min ghandu d-drittu l-interess li jattakka dik l-ezekuzzjoni, m'ghandux il-jedd li jattakka s-siwi tal-Mandat li bis-sahha tieghu saret tali ezekuzzjoni, sakemm ma tohrogx xi wahda mir-ragunijiet li trid il-ligi (ara: P.A. GCD: 28.5.1999 fil-kawza fl-ismijiet "Gianfranco Tolio vs Danuta Komarzynic"). Min-naha l-ohra, t-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' Mandat ma ssirx that l-artikolu 281 (ara : App. Civ.: 5.2.2002 fil-kawza fl-ismijiet "Persiano et vs Persiano" (Kollez. Vol: LXXXVI.ii. 257);
>
> Illi l-prattika stabbilita, mbaghad, hi li min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi. Illum il-gurnata, din il-procedura hija azzjoni li tibneda b'Rikors Mahluf (ara: P.A.: AJM 5.3.2001 fil-kawza "Terranet Limited vs Linknet Limited et")
>
> Illi jaghti 'l wiehed x'jargumenta bis-shih jekk l-ezekuzzjoni ta' Mandat ghandhiex titqies bhala parti essenzjali mill-istess Mandat. U dan jista wkoll jitqies fid-dawl tar-rimedju moghti fi kliem l-artikolu 281 lil "xi persuna ohra interessata". Fl-istess waqt, il-Qorti taghraf ukoll li l-fehmiet tal-qrati taghna dwar jekk l-artikolu 281 jistax iservi biex wiehed jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat ezekuttiv m'hux dejjem jaqblu (ara: P.A. GC: 12.2.2010 fil-kawza fl-ismijiet "Car Care Products Ltd vs John Bugeja et" (li ma accettax li l-art 281 jista' jintuza biex wiehed jattakka l-ezekuzzjoni tal-Mandat) u P.A. AE: 2.8.2011 fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet "Alan Bartoli noe vs A Gatt Trading Ltd et" (fejn l-art 281 thalla jintuza biex jattakka ezekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid fuq hwejjeg li ma kinux tad-debitur ezekutat) Madanakollu, l-fehma ta' din il-Qorti hi li l-procedura tal-artikolu 281 ma tistax tghin biex persuna tattakka l-ezekuzzjoni u mhux is-siwi tal-mandat innifsu. Din il-fehma, minbarra dak li ssemma qabel, tohrog ukoll mill-fatt li r-rimedju moghti mil-ligi ghal

min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' att ezekuttiv (Art 276 tal-Kap 12) jigifieri bi procedura kontenzjuza "normali", kien jezisti sa minn qbal ma ddahhal fil-Kodici r-rimedju specjali li llum jinstab fl-artikolu 281 (qabel kien imsejjah l-art. 283A). Ma jidhirx li meta l-legislatur (fl-2006) wessa' l-applikazzjoni tal-artikolu 281 tal-Kap 12 favur "xi persuna ohra interessata" wessa' wkoll ir-ragunijiet li dwarhom dak ir-rimedju sata' jintalab qabel dak iz-zmien. Wiehed ma jridx jinsa li r-rimedju moghti taht l-artikolu 281 tal-Kodici tal-Procedura m'huwiex ir-rimedju wahdien li jista' jinghata "taht din il-ligi jew xi ligi ohra" (ara: App. Inf. 9.1.2008: fil-kawza fl-ismijiet "Awtorita' Marittima ta' Malta vs Polidano Brothers Ltd");

Illi ladarba r-rikorrenti dehrilha li kellha tmexxi b'semplici rikors u mhux b'Rikors Mahluf, johrog li r-rikors imressaq minnha ma jiswiex ghall-finijiet tal-artikolu 789(1) (c) tal-imsemmi Kapitolu 12 u sa dan ir-rigward, l-eccezzjoni procedurali tal-intimat ezekutant tirrizulta misthoqqa. Dan, naturalment, jinghad bla ebda hsara ghal kull rimedju iehor li l-istess rikorrenti tista' tinqeda bih biex tikseb dak li talbet f'din il-procedura..."

**"Ghall-fini tal-provvediment tal-lum, il-qorti jidhrilha li jkun utli li jinghad illi l-iskop wara l-procediment skont l-Art 281 tal-Kap 12 baqa' l-istess kif kien meta d-disposizzjoni vigenti kienet l-Art 283A qabel dan l-artikolu kien sostwit bl-Art 281.**

Fil-provvediment taghha tal-5 ta' Mejju 2005 fl-atti tar-rikors Nru 287/2005 wara **l-Mandat ta' Sekwestru** Nru 392/05 fl-ismijiet **"Edward Pavia vs Michael Sultana et",** l-istess qorti li ppronunzjat il-provvediment li ghalih ghadha kif saret referenza qalet hekk dwar **l-iskop** tal-Art 283A:-

"... Illi l-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum jinkwadra ruhu u huwa espressament imsejjes mir-rikorrenti fuq dak li jipprovdi l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezemi tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-sahjha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg (ara: "Briffa vs Stones Properties Lts noe": Appell: 1.12.2000: Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401; "K.T.I. vs Serge": 25.5.2001: Appell: Kollez. Vol: LXXXV.ii.414) Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283 jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;

Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per

> ezempju fl-artikolu 835, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju ;
>
> Illi, fil-qofol tal-kwestjoni, jirrizulta li bejn il-partijiet ghad hemm kontestazzjoni dwar jekk it-titolu ezekuttiv li bis-sahha tieghu nhareg il-Mandat impunjat ghadux fis-sehh. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, sakemm ikun hemm provvediment gudizzjarju dwar dan, jew sakemm ma jirrizultax minn dokument jew fatt maqbul bejn il-partijiet li jipprova t-twettiq jew l-estinzjoni tat-titolu, tali titolu ezekuttiv ikollu jitqies li ghadu fis-sehh;
>
> Illi l-Mandat – li huwa att ezekuttiv – inhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv ghadu fis-sehh. Mad-daqqa t'ghajn, jidher li l-Mandat ihares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu (Art 274 tal-Kap 12) u certament inhareg minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati;
>
> Illi ghalhekk lill-Qorti ma jirrizultalhiex li hemm raguni tajba biex l-istess Mandat jigi attakkat. "

[ara wkoll il-provvediment ta' din il-qorti diversament presjeduta tat-30 ta' Ottubru 2003 dwar rikors nru 958/2003 fl-atti tar-rikors ta' **Mandat ta' Qbid Ezekuttiv** nru 1496/03 fl-ismijiet: "**Emanuel Vella vs Lloyd's Malta Limited et**"]

## IV. Konsiderazzjonijiet

Din il-qorti tikkondividi din il-gurisprudenza u tghid li tghodd anke ghall-kaz odjern.

Ir-rimedju li jaghti l-Art 281 tal-Kap 12 huwa specjali. L-istharrig li l-qorti trid taghmel mhuwiex fil-mertu, kif ghamlu r-rikorrenti fl-impostazzjoni taghhom. Li trid tara l-qorti huwa jekk ir-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-Mandat ikunux gew osserati jew jekk il-Mandat jkunx inhareg b'mod abbuziv. Mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma.

Fil-kaz tal-lum, il-qorti hija tal-fehma li fil-hrug tal-Mandat ma kien hemm xejn irregolari jew abbusiv.

Dwar l-ewwel pretensjoni li ressqu r-rikorrenti, il-qorti rat l-avvizi legali citati miz-zewg nahat, u qieset id-disposizzjonijiet li kienu citati. Tghid li l-ligi titkellem dwar *sospensjoni* mhux dwar *interruzzjoni* tat-termini, zewg dettami tad-dritt ghal kollox distinti minn xulxin. Bil-kontegg taz-zmien li ghamlu r-rikorrenti, huwa car li f'mohhom kellhom l-*interruzzjoni* tat-termini. Mentri l-esposizzjoni korretta tad-dritt hija dik li ressaq il-bank intimat. Ladarba si trattava di *sospensjoni*, kif del resto qalet il-ligi stess, il-procedura ntavolata mill-bank intimat kienet legalment ineccepibbli.

**"Ghalhekk l-ewwel pretensjoni tar-rikorrenti hija respinta."**

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

10. Minn qari tal-provvediment appellat jidher illi l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-appellanti għaliex ikkonsidrat illi l-Avviż Legali 61 tal-2020 jikkontempla sospensjoni tat-termini legali u mhux interruzzjoni, u li l-kalkoli magħmula mill-appellanti juru illi huma għandhom f'moħħhom interruzzjoni ta' terminu u mhux sospensjoni. Pero` minn qari kemm tar-rikors preżentat mill-appellanti quddiem l-ewwel Qorti u kemm tar-rikors tal-appell, huwa ċar li l-argument tal-appellanti huwa proprju li s-sospensjoni tat-termini maħsuba fl-Avviż Legali 61 tal-2020 m'hijiex applikabbli fil-każ odjern. Jidher illi l-appellanti huma tal-opinjoni illi din is-sospensjoni tat-termini kienet applikabbli biss fir-rigward ta' termini li kellhom jiskadu waqt illi l-Qorti u r-Reġistru kienu jinsabu magħluqa, u li peress li t-terminu in kwistjoni kellu jiskadi wara t-tneħħija ta' din is-sospensjoni, l-Artikolu 3(1) tal-Avviż Legali imsemmi m'huwiex applikabbli f'dan il-każ.

11. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq mill-appellanti. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(1) tal-Avviż Legali 61 tal-2020 evidentement tapplika fir-rigward ta' kull tip ta' terminu legali jew ġudizzjarju. Dan jingħad jekk wieħed jikkonsidra illi din il-parti tal-istess artikolu tipprovdi espressament illi kienet qed tiġi ordnata s-sospensjoni "…ta' **kwalunkwe** ħinijiet legali u ġudizzjarji u ta' **kwalunkwe** limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti

jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati" [enfażi ta' din il-Qorti]. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Major Peter Manduca v. L-Onorevoli Imħallef Dottor Hugh Harding** (Appell, 30/06/1993, Kollez. Vol: LXXVII.II.296):

> "Ghal skopijiet ta' definizzjoni, il-kelma ghandha, fl-ewwel lok, tittiehed fis-sens naturali u komuni taghha, u wara jigi kkontrollat jekk il-ligi biddlitx dik it-tifsira naturali u komuni tal-lingwa ta' kuljum, biex tohloq konnotazzjoni gdida."

12. Huwa indiskuss illi s-sens naturali u komuni tal-kelma "kwalunwke" huwa "ta' kull tip, mingħajr esklużjoni jew distinzjoni." Għalhekk meta moqrija fis-sens komuni tagħha, l-użu tal-kelma "kwalunwke" jfisser illi l-leġislatur ried illi, a kuntrarju ta' dak argumentat mill-appellanti, din is-sospensjoni tapplika għal kull tip ta' terminu irrespettivament minn meta dan it-terminu kellu jagħlaq. Li kieku l-leġislatur ried jillimita l-applikabilita` ta' din is-sospensjoni għal termini li kellhom jiskadu waqt li l-Qorti u r-Reġistru kienu magħluqa huwa żgur li ma kienx juża l-kelma "kwalunkwe" li loġikament ma tgħoddx għal sitwazzjoni fejn it-termini sospiżi huma limitati ghal dawk biss illi ser jiskadu waqt li l-Qorti u r-Reġistru jkunu għadhom magħluqa. Imbagħad, it-tieni parti ta' dan l-artikolu ma tidhirx illi qed toħloq xi konnotazzjoni differenti għat-terminu "kwalunkwe." Din il-parti proprju tibda bil-kliem "mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita` ta' hawn fuq" u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ċar illi l-intenzjoni tal-leġislatur kienet illi din it-tieni parti tal-Artikolu 3(1) tħalli mhux mittiefsa l-ewwel parti tal-istess Artikolu.

13. Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Zammit v. Anthony Sultana** (Prim'Awla, 31/01/1994, Kollez. Vol: LXXVII.III.26) "L-interpretazzjoni tal-ligi għandha dejjem tkun marbuta mal-finalita` tagħha. M'għandhiex tiġi interpretata b'mod assurd u bla sens u lanqas b'mod li tagħti lok għall-vessazzjoni bla raġuni…" Kieku kien minnu dak argumentat mill-appellanti, il-leġislatur kien jillimita dan l-artikolu għat-tieni parti tiegħu biss, u ċioe` dik il-parti li tirreferi b'mod speċifiku għat-termini li kellhom jagħlqu waqt illi l-Qorti u r-Reġistru jkunu magħluqa.

14. Għaldaqstant dan l-appell qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell odjern, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
da